Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,321, 1 ta' Ottubru, 2024

Taqsima B

A.L. 241 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolament tal-2024 biex jemenda r-Regolamenti għall-Għoti tal-Gradi tal-*Honoris Causa*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dan ir-regolament magħmul mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75(3) u 79(b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dan ir-regolament jista' jissejjaħ bħala r-Regolament tal-2024 biex jemenda r-Regolamenti għall-Għoti tal-Gradi tal-*Honoris Causa* u għandu jinqara u jinftiehem bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2017 għall-Għoti tal-Gradi tal-*Honoris Causa*, ippubblikati bħala Avviż Legali 182 tal-2017, li minn hawn 'il quddiem jissejħu bħala "ir-regolamenti prinċipali."

L-Applikabilità

2. Dan ir-regolament għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2024 'il quddiem.

L-Emenda għar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) L-Università għandu jkollha s-setgħa li tikkonferixxi l-gradi tal-*honoris causa* li ġejjin fuq individwi għal kisbiet eċċezzjonali tagħhom:

(a) Doctor of Literature, *honoris causa* (D.Litt.): mogħtija għal kisbiet eċċezzjonali, normalment ta' natura akkademika jew kreattiva, fil-litteratura u fl-arti, u inkluż l-liġi;

(b) Doctor of Science, *honoris causa* (D.Sc.): mogħtija għal kisbiet eċċezzjonali, normalment ta' natura akkademika jew kreattiva, fix-xjenzi puri u applikati, u inkluż fl-inġinerija u l-mediċina;

(ċ) Doctor of Law, *honoris causa* (D.L.): mogħtija għal kisbiet eċċezzjonali jew akkademiċi fis-servizz pubbliku u fil-governanza nazzjonali jew internazzjonali;

(d) Doctor of Social Sciences, *honoris causa* (D.S.S.): mogħtija għal kisbiet eċċezzjonali, normalment ta' natura akkademika jew kreattiva, fil-qasam tax-xjenzi soċjali;

(e) Doctor of Philosophy, *honoris causa* (D.Phil.): mogħtija għal kisbiet eċċezzjonali f'qasam ta' għarfien ġenerali jew f'qasam ta' għarfien f'ħafna dixxiplini, li mhux faċilment jaqaw f'xi waħda mill-kategoriji l-oħra msemmija hawn fuq; u

(f) Master of Letters, *honoris causa* (M.Litt.)."